**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2016**

**Appell Nru: 533/2015**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**George Schembri**

**Francis Schembri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dedotti kontra George Schembri, bin Joseph u Josephine neè Zammit, detentur tal-karta tal-identità bin-numru I.D.

9066G u Francis Schembri, bin Joseph u Josephine neè Zammit, detentur tal-karta tal-identità I.D. 16861G:

Talli fil-kwalità tagħhom ta' diretturi u/jew rappreżentanti ġuridiċi tas-soċjetà Neptune's Bar and Restaurant Company Limited (C-38323) b'indirizz reġistrat Neptune's Bar and Restaurant, Marina Street, Marsalforn, Għawdex u/jew bħala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess soċjetà sabiex iħallsu l-pagi dovuti, naqsu li jħallsu pagi għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Lulju 2013 u l-10 ta' Awwissu 2013 fl-ammont ta' €1,816, naqsu li jħallsu l-*overtime* għall-perjodu bejn 1 ta' Lulju 2013 u l-10 ta' Awwissu 2013 ammontanti għal €972, naqsu li jħallsu l-*weekly allowance* ammontanti għal €27.96, naqsu li jħallsu l-bonus ammontanti għal €31.20 u naqsu jħallsu l-*vacation leave* ammontanti għal €81.68 li b'kollox jammontaw għal elfejn, disa' mija u tmienja u għoxrin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2928.84) u li kienu dovuti lill-impjegata tagħhom, u ċioè lil Erika Saliba li ġie terminat fl-10 ta' Awwissu 2013.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-imputat ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap 452, tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003, kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007, sabiex iħallsu l-penali skont il-liġi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu lil Erika Saliba l-ammont ta' elfejn, disa' mija u tmienja u għoxrin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2928.84) għar-raġunijiet fuq speċifikati.

**2.** Rat is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2015 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 45 u 46 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 8(1) tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007, sabet lill-imputat George Schembri fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih, sabet lill-imputat Francis Schembri fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u b' applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor sa żmien tnax(12)-il xahar mid-data tas-sentenza u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu sabiex sa żmien tliet (3) xhur mid-data

tas-sentenza jħallas lil Erika Saliba s-somma ta’ elfejn, disa’ mija u tmienja u għoxrin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2928.84).

Finalment l-ewwel Qorti, peress li rriżultalha li x-xiehda mogħtija mill-ħati Francis Schembri kienet inveritiera, ordnat li kopja tat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tiegħu flimkien mal-atti kollha ta’ dan il-proċess, kif ukoll kopja tas-sentenza tagħha jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija għal dik l-azzjoni opportuna ai termini tal-Liġi.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Francis Schembri ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fit-2 ta’ Diċembru, 2015, li bih talab lil din il-Qorti tikkonferma l-liberatorja ta’ George Schembri u tannulla u tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija f’dak li jirrigwarda lill-appellant Francis Schembri u minflok tilliberaħ mill-akkuża kif dedotta kontra tiegħu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semgħet ix-xhieda li nġiebu f’din l-istanza; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-każ in kwantu relevanti għal dan l-appell jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Erika Saliba għamlet Lulju 2013 u għaxart ijiem minn Awwissu tal-istess sena impjegata ma’ Neptunes Bar and Restaurant iżda għal kemm damet impjegata ma tħallset xejn. Hija ġiet hekk impjegata permezz tal-imputat Francis Schembri. Kienet avviċinatu biex iħallasha iżda ħalliha bla risposta. Meta ma tħallsitx irrappurtat lid-dipartiment tal-Gvern konċernat u nħarġu l-imputazzjonijiet odjerni. Hija eventwalment għamlet kawża ċivili u b’riżultat tagħha tħallset dak li kien dovut lilha.

**6.** L-aggravji tal-appellant Francis Schembri huma sostanzjalment is-segwenti:

1. L-akkuża ħarġet fil-konfront tal-appellant u huħ fil-kwalità tagħhom ta' diretturi tal-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited iżda s-sentenza ingħatat fil-konfront tal-appellant waħdu mentri fi proċeduri kriminali d-diretturi kollha tas-soċjetà huma kollha responsabbli għall-azzjonijiet tas-soċjetà u għalhekk messu tħarrek ukoll id-direttur l-ieħor Roderick Schembri. Inoltre biex jinbdew u jiġu deċiżi proċeduri kontra l-istess kumpanija d-diretturi jridu jitħarrku flimkien. Dan apparti l-fatt li ż-żewġ diretturi mħarrka ingħataw sentenzi differenti minn xulxin meta huwa flimkien li jirrappreżentaw lill-kumpanija.

2. L-appellant nstab ħati fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpanija Neptune's Bar and Restaurant Company Limited iżda ma nġiebet ebda prova ta' xi tip ta' relazzjoni bejn Erika Saliba u l-kumpanija. Inoltre l-ewwel Qorti għamlet referenza għal dak li xehdet Erika Saliba meta din xehdet quddiem l-ewwel Qorti diversament preseduta u ma tirriżulta ebda traskrizzjoni jew notament ta' dak li xehdet.

3. L-ewwel Qorti għamlet riferenza għal xiehda li suppost ta Roderick Schembri meta dan qatt ma xehed għaliex meta ġie prodott biex jixhed għażel li ma jixhidx peress li l-appellant kien jiġi missieru u dan juri li l-ewwel Qorti kienet predisposta kontra l-appellant.

4. Fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kompliet turi li kienet predisposta kontra tiegħu meta ordnat li t-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tal-appellant u l-atti tal-kawża jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-azzjoni opportuna mingħajr ma spjegat għaliex kienet tal-fehma li x-xiehda tal-appellant ma kienetx veritiera.

**Ikkunsidrat:**

7. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta mill-fatt li t-taħrika saret fil-konfront tiegħu u ta' ħuh fil-kwalità tagħhom ta' diretturi tal-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited waqt li s-sentenza ingħatat fil-konfront tiegħu waħdu. Dil-parti ta' dan l-aggravju huwa għal kollox infondat u jirrażenta l-frivolu u l-vessatorju. Fl-ewwel lok ma hux minnu li s-sentenza appellata ingħatat fil-konfront tal-appellant waħdu għaliex kjarament is-sentenza ingħatat fil-konfront taż-żewġ imputati. Li verament ġara hu li l-appellant instab ħati waqt li l-ko-imputat ma nstabx ħati. Iżda ma hemm xejn fil-liġi li tobbliga lill-Qorti li għaliex żewġ persuni jitressqu imputati flimkien il-Qorti trid neċessarjament issibhom it-tnejn ħatja jew it-tnejn mhux ħatja. Spetta lill-Qorti tiddeċiedi r-responsabilità kriminali o meno ta' kull wieħed mill-imputati skont il-liġi u fid-dawl tal-provi prodotti.

8. F'dan l-ewwel aggravju jingħad li peress li fi proċeduri kriminali id-diretturi tas-soċjetà huma kollha responsabbli allura d-diretturi jridu jitħarrku kollha flimkien. Dan hu *non sequitur* mill-akbar. Ma hemm xejn fil-liġi li tobbliga li l-persuni kollha kriminalment responsabbli ta' reat iridu neċessarjament jitħarrku u jiġu sentenzjati flimkien u l-appellant, evidentement, ma jiċċita ebda artikolu tal-liġi kriminali li jiddetta dak pretiż minnu.

9. F'dan l-aggravju jingħad ukoll li l-liġi tippreskrivi li l-personalità ġuridika ta' kumpanija hija vestita fid-diretturi flimkien u ssir emfasi fuq id-distinzjoni bejn il-personalità ġuridika distinta ta' soċjetà minn dik tal-personalità individwali tad-diretturi tagħha. Fil-liġi penali, iżda, r-responsabilita' kriminali ta' kull direttur hi waħda vikarija u personali u individwali[1] u għall-finijiet ta' responsabilità kriminali ta' soċjetà għal ċerti

[1] Ara *inter alia* App Krim Inf P v Martin Pillow, 18/11/2011 #8

reati ir-rappreżentanza legali tal-istess soċjetà titqies li hi vestita fil-persuna tad-direttur jew uffiċjal prinċipali ieħor li jkun wettaq ir-reat[2]. Fil-każ odjern l-ewwel Qorti espliċitament fis-sentenza tagħha għamlet riferenza għall-artikolu 46 tal-Kap 452 li jipprovdi għar-risponsabilità kriminali vikaria u individwali ta' direttur ta' soċjetà u li dispożizzjonijiet simili ġew inseriti f'diversi liġijiet settorjali sakemm eventwalment il-kunċett ġie estiż b'mod ġenerali permezz tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap 249. Dan apparti wkoll il-konsiderazzjoni li l-appellant u l-ko-imputat l-ieħor jirriżulta li kellhom ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-kumpanija fiż-żmien relevanti kif anki verbalizzat mid-difiża a fol. 7 tal-process.

**10.** Dan l-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint fl-interezza tiegħu bħala legalment infondat.

**11.** In kwantu għat-tieni aggravju, dan si tratta sostanzjalment mill-apprezzament tal-provi da parti tal-ewwel Qorti u ormai hu ben stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li għar-rigward ta' tali aggravju din il-Qorti bħala regola ma tiddisturbax dak l-apprezzament ħlief jekk l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal ghall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha u bħala konsegwenza tkun ser issir inġustizzja manifesta.

**12.** Għalkemm ma jirriżultax li sar xi kuntratt bil-miktub, li sfortunatment xejn ma hu sorprendenti f'każijiet bħal dawn, fil-każ ta' llum irriżulta li Erika Saliba ġiet impjegata man-Neptune's Bar and Restaurant mill-appellant u f'dawk l-okkażjonijiet li Erika Saliba tħallset għal xogħolha il-pagament sar mill-appellant. L-appellant huwa wieħed mid-diretturi tal-kumpanija li ġġib l-istess isem tal-istabbiliment imsemmi u ċioè Neptune's Bar and Restaurant Company Limited li l-uffiċju reġistrat tagħha huwa proprju Neptune's Bar and Restaurant f'Marina

[2] Ara art. 121D tal-Kodiċi Kriminali u artikoli oħra tal-istess kodiċi li jirrendu applikabbli dan l-artikolu.

Street, Marsalforn Għawdex fejn kienet impjegata Erika Saliba. L-appellant huwa wkoll is-segretarju tal-Kumpanija.

**13.** Għalkemm l-imputat jagħti l-impressjoni li huwa ma kellu xejn x'jaqsam fl-impjegar ta' Erika Saliba fix-xiehda tiegħu fuq domanda in eżami "Ara, lil Erika Saliba tafha?" wieġeb "Jien kont nafha s-sena ta' qabel meta jien ħaddimtha jien personalment. Is-sena ta' qabel, u ħallastha personalment sal-inqas ċenteżmu". Mistoqsi mill-Qorti liema kienet is-sena ta' qabel l-appellant wieġeb "Tiġi two thousand and thirteen (2013)". Imbgħad, in kontroeżami, mistoqsi "Ngħidlek sew illi inti fit-two thousand and thirteen (2013) tas-sajf tat-two thousand and thirteen (2013) ħallastha?" wieġeb "Iva, fit-two thousand and thirteen (2013) jien kelli x'naqsam! Fit-two thousand and fourteen (2014) jien ma kelli x'naqsam xejn." Dan kollu meta l-perjodu relevanti għall-finijet tal-imputazzjonijiet huwa proprju s-sajf tal-2013.

**14.** Inoltre kemm Erika Saliba kif ukoll Maria Apap u Antonella Apap, li kienu ġew ukoll impjegati mal-istess stabbiliment li miegħu kienet impjegata Saliba fl-istess żmien, it-tlieta kategorikament ikkonfermaw li dwar il-ħlas tal-pagi u ħlasijiet oħra konnessi mal-impieg tagħhom huma kien ikollhom x'jaqsmu dejjem mal-appellant u li kien hu li kien jagħti l-ordnijiet.

**15.** F'dan l-aggravju jsir aċċenn mill-appellant għall-fatt li l-ewwel Qorti għamlet riferenza għal dak li xehdet Erika Saliba meta din xehdet quddiem l-ewwel Qorti diversament preseduta u ma tirriżulta ebda traskrizzjoni jew notament ta' dak li xehdet. Għalkemm dan jidher fatt piuttost stran ma hux inspjegabbli, u f'dan ir-rigward tagħmel riferenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte ċivile Erika Saliba[3] li fiha hemm rapportat dak li allegatament xehdet l-istess Erika Saliba quddiem l-ewwel Qorti. Il-fatt jibqa' li verament meta xehdet Saliba l-ewwel Qorti

[3] Fol. 31

kienet diversament preseduta u ma tirriżultax traskrizzjoni tad-depożizzjoni tagħha u anqas notament ta' dak li xehdet ħlief dak allegat fin-nota tal-osservazzjonijiet fuq imsemmija, li ċertament l-ewwel Qorti ma setgħetx tqisu bħala rapport awtentiku u affidabbli tax-xiehda ta' Erika Saliba. B'danakollu din il-Qorti semgħet hi stess mill-ġdid ix-xiehda tal-imsemmija Erika Saliba u din xehdet fis-sens rapportat fis-sentenza appellata.

**16.** Tenut kont ta' dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjentement gravi sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u l-konklużjoni minnha raġġunta li l-appellant meta impjega Erika Saliba kien qiegħed jaġixxi għan-nom u fl-interess tas-soċjetà Neptune's Bar and Restaurant Company Limited.

**17.** Għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

**18.** Fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jaċċenna wkoll għall-fatt li l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għamlet riferenza għax-xiehda li suppost ta Roderick Schembri meta jirriżulta li dan Schembri ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti għaliex għażel li ma jixhidx peress li l-appellant kien jiġi missieru. Dan ċertament kien skorrett iżda jidher palesament li l-ewwel Qorti ġiet għal kollox żvijata minn nota tal-osservazzjonijiet imsemmija tal-parte ċivile li minnha jirriżulta li fiha jingħad fil-paragrafu 4 tagħha[4] li Roderick Schembri kien ta x-xhieda tiegħu, u ġie rapportat x'suppost kien xehed, meta minn dak allegat ma jirriżulta assolutament xejn fil-proċess. Din hija ċirkostanza deplorevoli u fir-rigward din il-Qorti ser tagħti l-provvediment infraskritt fir-rigward tal-avukat firmatarju tal-istess nota.

**19.** Din il-Qorti, naturalment, ser tinjora għal kollox dak li jingħad fin-nota msemmija dwar x'suppost xehed Roderick Schembri, u dwar

[4] Fol 32

x'suppost sabet l-ewwel Qorti li xehed l-istess Roderick Schembri, u b'hekk qiegħda tirrimedja għal dan l-aggravju tal-appellant li, għalkemm din il-Qorti ma ssibx li fiċ-ċirkostanzi fuq spjegati l-ewwel Qorti mmanifestat xi predispożizzjoni kontra l-appellant, jirriżulta fondat fil-limiti ta' dak premess.

**20.** Fir-raba' u l-aħħar aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kompliet turi li kienet disposta kontra tiegħu meta ordnat li l-atti jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-azzjoni opportuna mingħajr ma spjegat għaliex kienet tal-fehma li x-xiehda tal-appellant ma kienetx veritiera.

**21.** Dan l-aggravju jirriżulta għal kollox infondat. Din il-Qorti ġia sabet li ma rriżultat ebda "predispożizzjoni" da parti tal-ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant u ċertament mis-sentenza appellata, li l-ewwel Qorti ordnat li kopja tagħha wkoll tintbagħat lil Kummissarju tal-Pulizija, jirriżultaw abbondantement ċari r-raġunijiet għaliex l-ewwel Qorti rriteniet ix-xiehda tal-appellant inveritiera.

**22.** Dan l-aggravju wkoll qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell u filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lil Francis Schembri sabiex fi żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza appellata jħallas lil Erika Saliba s-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja u għoxrin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2928.84), u dan peress li rriżulta li l-istess Erika Saliba wara s-sentenza appellata tħallset dak kollu dovut lilha, tikkonfermha fil-bqija.

Finalment, in vista ta' dak li jingħad f'din is-sentenza fil-paragrafu 18 tagħha l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mir-reġistratur

minnufih notifikata lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għal kull azzjoni li jista’ jidhrilha opportuna fil-konfront tal-Avukat Dr. Anthony Stellini.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur